**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 25**

**NHAR IL-ĦAMIS 18 TA' OTTUBRU 2012 FIL-5PM**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Alex Chetchuti | Membru |
| Anna Paris | Membru |

Ic-Chairperosn F. Salt u l-Membru W. Farrugia kienu skużati

**TALBA**

Il- Viċi Chairperson qalet it-talba.

Din il-laqgħa qed issir f' din id-data peress li l-laqgħa ta' 27 ta' Settembru 2012 ma saritx għax ma kienx hemm quorum.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 24 ġew approvati. Il-Membru A. Chetcuti propona u l-Viċi Chair perosn M. Abela ssekondat.

## II PUNTI LI JOĦORGU MILL-MINUTI

1. Il- Viċi - Chairperson staqsiet dwar il-kuntratt ta' tindif fl-entratura tal-Forti Madliena. Is- Segretraju Eżekuttiv wieġeb li hu diġa' tkellem mal-kuntrattur u hu infurmah li x-xogħlijiet se jkunu lesti sa l-aħħar ta' Ottubru.

## III RAPPORTI MILL-MEMBRI

**Alex Chetcuti**

1. Il-Membru staqsa jekk hux possibli li jkollna stima għall-hand rail ta' Triq Pedidalwett. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jagħmel il-kuntatti neċċessarji biex jġib din il-kwotazzjoni.

2. Huwa staqsa meta se jitkomplew ix-xogħlijiet fl-parti t' isfel ta' Triq Pedidalwett. Is-Segretraju Eżekuttiv wieġeb li dawn ix-xogħlijiet se jitkomplew max-xogħlijiet ta' Triq il-Ġiżimin.

**Vici – Chairperson – Mary Anne Abela**

1. Hija rrapurtat dwar storbju żejjed li ta' spiss qed jkun hemm f'Madliena Cottage. Hi staqsiet ukoll biex issiru l-kuntatti neċċessarji mmedjatament mal-Pulizija tan-Naxxar ħalli nikkonfermaw jekk dan għandux il-permessi meħtieġa.

2. Il-Viċi Chair person staqsiet jekk hux possibli li ċ-ċint tal-Madliena jiżdied b'żewġ filati oħra.

3. Ġie rrapurtat wkoll ċint ieħor li qiegħed fi stat perikoluż . Is- Segretrju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika ma' l-MRRA Section.

4. Hija rrapurtat li diversi residenti lmentaw li ta' spiss qed jkun hemm l-ħmieġ ta' żwiemel fit-toroq tal-Madliena. Hi ħadet ħsieb tinforma lir-resienti li sabiex nkunu nistgħu nagħmlu l-kuntatti ma' l-Awtorita kkonċernata jeħtieġ li jkollna xi evidenza bħal xi ritratti ta' min jkun qed iħammeġ. Is-Segretrju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jornda xi tabelli fejn javzaw lis-sidien taż-żwiemel biex inaddfu warajhom.

## III RAPPORTI MILL-MEMBRI

**Vici – Chairperson – Mary Anne Abela – tkompli**

5. Il-Viċi Chair person reġgħet staqsiet dwar il-caravan li jinab ipparkjat fi Triq l-Inġinier. Is- Segretraju Eżekuttiv wieġeb li hu diġa' pprova jagħmel kuntatt mas-sid pero' hu għandu nformazzjoni li s-sid bħalissa jinsab imsiefer.

6. Hija infurmat li l-Kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħlijiet fi Triq il-Madliena għadda l-kontijiet pendeni li jammontaw għal €70,000 lid- Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-ħlas.
   Wara diskuzzjoni, il-Kumitat qabel unanimament li l-pagament jitħallas malli jibdew ix-xogħlijiet.

7. Hi talbet li ssir central strip fil-parti ta' isfel ta' Triq il-Prekursur. Il-membru A. Chetcuti ħa l-inkarigu li jippjana din il-pjanta ħalli din tkun tista' tintbgħat lir-Roads Department.

**Anna Paris**

1. Il-Membru A. Paris irrapurtat dwar sorbu eċċessiv li ta' spiss qed jerġa' jkun hemm Torre Paulina. Hija nfurmat li dwar din il-materja kien hemm seduta l-Qorti pero' s-sidien ta' Torre Paulina ma attendewx għal din is-seduta. Għaldaqstant il-kawża ġiet differita għal l-20 ta' Novembru 2012 fid-9:00am. Il-Membru A. Paris ħadet l-inkarigu li tirrporta dwar din il-materja fil-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-6:30pm u sar aġġornament għal Ħamis 22 ta' Novembru 2012 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Frank Salt |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |